## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. GIANLUCA CASSAR (KI. 494191M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21/05/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Gianluca Cassar** **bin Anthony u Maria Concetta . Imwieled. 13/09/1991.**
**ID. 494191M** **Toqghod ; 2 `Sunrise` Moghdija Zaghzigha, Zejtun.**

**BILLI int akkuzat** talli fl- 24 ta Dicembru 2022 ghall habta ta` 22.42hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan,

(1). Soqt vettura Nru.JBO784 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65).

(2). Soqt vettura Nru.JBO784 minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni,.(Sec.3(1) Chap.104).

(3). Kif ukoll irrifjutajt li taghti jew tajt il partikularijiet tieghek foloz lil ufficjal pubbliku, cioe lil PS2390, persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel id-dmirijiet taghha, ismek, kunjomok fejn toqghod u partikolarijiet ohra. (Sec.338 (g) Chap.9).

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 2390 A. Coleiro (*affidavit*) u ta' Kenneth Pace (*affidavit*) u Stephen Cachia, entrambi għan-nom ta' Transport Malta.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **<u>PS 2390 A. Coleiro</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-imputat kien qed isuq vettura tal-għamla Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO784 meta twaqqaf waqt *roadcheck.* Mitlub jidentifika ruħu huwa stqarr li jismu Francois Cassar bil-karta tal-identita' numru 423681M u li dokumenti fuqu ma kellux. Minn tfittxijiet li saru fil-vettura l-Pulizija sab karta tal-identita' ta' ċertu Gianluca Cassar (KI. 494191M). Ir-ritratt ta' din il-karta tal-identita' kien juri wiċċ ix-xufier, ossia' l-persuna li kien għadu kemm qallhom li jismu Francois Cassar.

2. Mill-affidavit ta' **<u>Kenneth Pace</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta rriżulta fost affarijiet oħra illi l-imputat ma kienx f'pussess ta' liċenzja tas-sewqan Maltija fid-data in kwistjoni u qatt ma kellu waħda fil-passat.

3. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata.

4. It-tieni imputazzjoni, dik li l-imputat kien qiegħed isuq mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, l-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni) jipprovdi illi:

   **'3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)'**

   L-imputat ma ppreżenta l-ebda polza tal-assigurazzjoni fil-kors tal-kawża (u anke li kieku pprovda din żgur ma kienetx tkoprih ġaladarba qatt ma kien fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan) u għalhekk il-presunzjoni *iuris tantum* avverat ruħha.

5. It-tielet imputazzjoni ukoll tirriżulta ġaladarba ġie ppruvat illi l-imputat inizjalment ta d-dettalji personali tiegħu b'mod falz lill-uffiċjal tal-Pulizija li kien waqqfu.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Art 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art 338(g) tal-Kap. 9, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**